

# L-Ewwel Kappillani tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa

**Mario Fenech**

Ser inkompli fejn ħallejt bl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra fejn tajt ħarsa mill-qrib lejn l-ewwel kappillani li mexxew il-Parroċċa ta' Ħal Luqa waqt l-ewwel snin tat-twaqqif tagħha. L-aħħar kappillan li ktibt dwaru kien Dun Mario Michele Mifsud li dam imexxi lill-parroċċa ta' Ħal Luqa sa Diċembru tas-sena 1724.

It-tmien kappillan kien Dun Antonio Casha minn Ħal Qormi. Ġie maħtur kappillan b'digriet mill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan. Beda l-ħidma pastorali fir-raħal f'Novembru tas-sena 1737 u dam kappillan sa Novembru tas-sena 1759.

Id-disa' kappillan ta' Ħal Luqa kien Dun Michele Masta. Kien minn Ħal Luqa u nħatar kappillan mill-Isqof Mons. Bartolomeo Rull. Ħa l-pussess tiegħu f'Settembru tas-sena 1760. Miet fl-10 ta' Diċembru 1725 fl-età ta' 78 sena. Kien l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa li beda juża r-rukkett u l-muzzetta.



*Gandlieri tat-Tubru*

L-għaxar kappillan tal-poplu tar-raħal ta' Ħal Luqa kien Dun Tommaso Scicluna mir-raħal ta' Ħal Għaxaq. Kien duttur tas-Sagra Teoloġija. Inħatar kappillan mill-Isqof Vincenzo Labini. Ħa l-pussess tal-parroċċa fi Frar tas-sena 1796. Fis-sena 1801 inħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il-ħdax-il kappillan tal-parroċċa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa kien Dun Vincenzo Buhagiar li kien maħtur mill-Isqof Vincenzo Labini. Ma tantx dam fil-kariga għaliex mezza l-parroċċa mix-xahar ta' Frar tas-sena 1802 sa Lulju tas-sena 1803.

Il-kappillan ta' warajh kien Dun Ġużeppi Sultana miż-Żurrieq, maħtur ukoll mill-Isqof Vincenzo Labini. Ħa l-pussess tal-parroċċa f'Awwissu tas-sena 1803. Kien diġà



Sopraporta Antika



*Gandlieri tal-injam*

serva ta' Vigarju Kurat tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Miet nhar l-4 ta' Novembru 1847. Dan il-kappillan Sultana, matul is-snin twal li mexxa lill-parroċċa, dejjem wera lill-poplu kollu tar-raħal kemm kien ġentili fil-mod li bih ħadem.

It-tlettax-il kappillan tal-parroċċa kien Dun Francesco Buttigieg. Kien mir-raħal tal-Qala f'Għawdex. Kien il-kappillan tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli fis-sena 1847 meta l-Isqof Mons. Caruana ħatru kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Iċ-ċerimonja tal-pussess tiegħu saret nhar id-9 ta' Lulju 1848. Ma nafux għaliex dan il-kappillan dam imexxi l-parroċċa ta' Ħal Luqa għal ftit taż-żmien biss għaliex f'Jannar tas-sena 1849 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra f'Għawdex.

Dawn il-kappillani li mexxew il-parroċċa ta' Ħal Luqa matul l-ewwel snin tat-twaqqif tagħha, ħadmu bla waqfien biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-poplu tar-raħal.

Ħadmu wkoll biex għanew il-knisja b'opri sagri sbieħ fi żmien meta l-poplu kien jgħix fil-faqar. Għaldaqstant dawn l-opri saru b'sagrifiċċji kbar u fuq kollox b'imħabba kbira li minn dejjem kellhom in-nies tar-raħal ta' Ħal Luqa lejn il-patrun tagħhom Sant'Andrija Appostlu.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.